C/2026/4641

31.8.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12372 – HENKEL / STAHL PARENT)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4641)

1. Fit-18 ta' Awwissu 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara riferiment skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Henkel AG & Co. KG ("Henkel", il-Ġermanja),

— Stahl Parent B.V. ("Stahl", in-Netherlands), ikkontrollata minn Wendel Participations SE (Franza).

Henkel se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Stahl.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Henkel hija attiva globalment fil-produzzjoni ta' adeżivi, siġillanti u kisjiet funzjonali għall-klijenti industrijali, kif ukoll għall-konsumaturi u għall-persuni tas-sengħa,

— Sthal hija attiva globalment fil-produzzjoni ta' kisjiet industrijali għal materjali flessibbli, inklużi kisjiet għall-finitura tal-ġilda, kisjiet tal-imballaġġ, u kisjiet ta' prestazzjoni, li jservu lill-klijenti prinċipalment fis-swieq tal-mobbiltà (tal-karozzi u tat-trasport tal-massa, inkluż fuq l-intern ta' inġenji tal-ajru), tal-imballaġġ, tal-moda u l-istil tal-ħajja, u tat-tagħmir għad-dar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12372 — HENKEL / STAHL PARENT

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").